# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR.  JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar il-Ħamis, 28 ta' Ottubru 2021**

**Talba Nru: 380/2019 JG**
**Numru fuq il-lista: 2**

**GasanMamo Insurance Limited (C3143) hekk kif surrogate fid-drittijiet tal-assikurata tagħha Vienna Bugelli (ID 1643859(M)) sija bil-polza u sija bil-liġi u l-kif ukoll l-istess Vienna Bugelli**

**Vs**

**Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv għan-nom u in rappreżentanza tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fit-3 ta' Diċembru 2019[1], permezz ta' liema s-soċjetá attriċi talbet lil dan it-Tribunal sabiex tikkundanna lill-konvenut jħallas l-ammont ta' elf, sitt mija u ħamsin Ewro u sitta u sebgħin ċenteżmu tal-Ewro

[1] A fol 1 *et seq.*

(€1650.76) rappreżentanti danni sofferti bħala riżultat ta' inċident kif aħjar deskritti fl-istess Avviż. Intalbu wkoll l-ispejjeż ta' ittra uffiċjali, ta' dawn il-proċeduri u l-imgħaxijiet[2];

Ra d-dokumenti annessi mal-istess Avviż[3];

Ra r-risposta tal-Kunsill konvenut[4];

Ra s-sentenza ta' dan it-Trbiunal divserament presedut datat 23 ta' Ġunju 2020, permezz ta' liema l-Kunsill konvenut ġie dikjarat li waqa fi stat ta' kontumaċja.

Ra d-digriet mogħti mil-Onor. Prim Imħallef ta' nhar it-28 ta' Ottubru 2020 tramite liema din it-talba ġiet assenjata lil dan it-Tribunal kif presedut[5];

Ra li mar l-ebda appell mis-sentenza tat-23 ta' Ġunju 2020;

Ra n-nota tas-soċjetá attriċi kontenenti affidavit ta' Andrea Bondin u d-dokumenti hemm annessi[6];

Sema' x-xhieda ta' Noemi Formosa neé Bigeni[7];

Sema' x-xhieda ta' PC 979, Daniel Mohr[8];

[2] A fol 1 *et seq.*
[3] A fol 3 *et seq.*
[4] A fol 14 tal-proċess.
[5] A fol 34.
[6] Nota tinsab a fol 36 tal-proċess.
[7] Mogħtija fis-seduta tat-3 ta' Mejju 2021
[8] Mogtħija fis-seduta tat-28 ta' Ġunju 2021

Sema' x-xhieda ta' Dr. Cynthia Galea, li kkonfermat li l-ammont mitlub għadu internament dovut[9];

Ra dak verbalizzat fis-seduta tat-28 ta' Ġunju 2021, fejn il-Kunsill konvenut ingħata żmien sabiex iħejji nota ta' osservazzjonijiet[10];

Ra li ma daħlet l-ebda nota;

Ra l-atti proċesswali kollha;

**Ikkunsidra;**

Illi qabel xejn it-Tribunal iħoss il-ħtieġa li jirrimarka fuq l-aħħar fatt proċesswali li seħħ f'dan il-proċediment u ċioé lill-Kunsill konvenut ingħata terminu sabiex iħejji nota ta' osservazzjonijiet finali. Kif ġie indikat hawn fuq, permezz ta' sentenza preliminari mogħtija minn dan it-Tribunal kif preċedentement presedut, l-istess Kunsill konvenut kien ġie dikjarat bħala kontumaċi. Madanakollu, peress li huwa kien effetivament ħejja risposta u kien anki deher f'xi seduti, dan it-Tribunal dehrlu li kellhu japplika u jħaddan dak li jrid l-artikolu 158(10) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta[11]. Madanakollu, l-istess konvenut reġa baqa' passiv.

Illi kif in huwa ben risaput, dan il-fatt (tal-kontumaċja) ma jistax jiġi ekwiparat bħala ammissjoni.

---

[9] Xhieda tinsab a fol 92 tal-proċess.
[10] Verbal jinsab a fol 89 tal-proċess.
[11] Dwar l-applikazzjoni tal-artikolu 158(10) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, wieħed huwa mistieden jara r-raġunament magħmul mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **Lombard Bank Malta p.l.c. (C-1607) vs. Venues Company Limited (C-27160),** (App Ċiv Nru: 229/14LSO) mogħtija nhar it-22 ta' Ottubru 2019.

Illi t-Tribunal iqis li l-verżjoni mogħtija mis-soċjeta attriċi hija ġusta u timmerita akkoljiment. Dan qiegħed jingħad wara analiżi kemm tax-xhieda provduta u tad-dokumenti eżistenti f'dan il-proċess. L-ammont mitlub jirriżulta kemm ġustifikat kemm mill-lenti tan-ness ta' kawżalitá u kif ukoll fil-*quantum* tiegħu.

Illi l-verżjoni unika mogħtija lit-Tribunal hija verosimili u waslet għal-grad taċ-ċertezza morali kif rikjest.

Illi finalment, bl-applikazzjoni ta' dak li jrid l-artikolu 33(1)(a) tal-Kapitolu 363 tal-Liġijiet ta' Malta, hija l-fehma ta' dan it-Tribunal li huwa l-Kunsill konvenut li għandu jirrispondi.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din it-Talba billi jilqa' t-talba tas-soċjetá attriċi u jikkundanna l-Kunsill konvenut iħallas l-ammont ta' elf, sitt mija u ħamsin Ewro u sitta u sebgħin ċenteżmu (€1,650.76) bl-imgħax legali mid-29 ta' Awwissu 2019[12] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali bin-numru 1619/2019, jitħallsu fl-intier tagħhom mill-Kunsill konvenut.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur

[12] Data tan-notifika tal-ittra uffiċjali bin-numru 1619/2019 u dan a tenur tal-artikolu 1141(2) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. It-timbru relattiv jinsab *a tergo* ta' fol 65.